

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 871/2013

tat-2 ta' Settembru 2013

li jestendi d-dazju antidumping definitiv impost mir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 511/2010 fuq importazzjonijiet ta' wajer tal-molibdenu, b'mill-inqas 99,95 % tal-piż tiegħu jikkonsisti f'molibdenu, b'dimensjoni trażversali massima li taqbeż 1,35 mm iżda ma taqbiżx 4,0 mm, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, għal importazzjonijiet ta' wajer tal-molibdenu, b'mill-inqas 97 % tal-piż tiegħu jikkonsisti f'molibdenu, b'dimensjoni trasversali massima li taqbeż 1,35 mm iżda ma taqbiżx 4,0 mm, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet dumped minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea wara li ġie kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Il-miżuri eżistenti

- (1) FDicembru 2009, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bir-Regolament (UE) Nru 1247/2009⁽²⁾ ("ir-Regolament antidumping provviżorju") imponiet dazju antidumping provviżorju fuq importazzjonijiet ta' wajer tal-molibdenu, b'mill-inqas 99,95 % tal-piż tiegħu jikkonsisti f'molibdenu, b'dimensjoni trasversali massima li taqbeż 1,35 mm iżda ma taqbiżx 4,0 mm, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ").
- (2) F'Ġunju 2010, il-Kunsill, permezz tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 511/2010⁽³⁾, impona dazju antidumping ta' 64,3 % fuq l-istess importazzjonijiet. Dawn il-miżuri minn hawn 'il quddiem jissejħu 'il-miżuri fis-seħħ' u l-investigazzjoni li wasslet biex jidħlu l-miżuri fis-seħħ minn hawn 'il quddiem tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1247/2009 tas-17 ta' Diċembru 2009 li jimponi dazju provviżorju antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplū taċ-Ċina (ĠU L 336, 18.12.2009, p. 16).

⁽³⁾ Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 511/2010 tal-14 ta' Ġunju 2010 li jimponi dazju antidumping definitiv u jiġbor b'mod definitiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplū taċ-Ċina (ĠU L 150, 16.6.2010, p. 17).

(3) F'Jannar 2012, wara investigazzjoni kontra l-evażjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 14/2012⁽⁴⁾ il-Kunsill estenda l-miżuri fis-seħħ għal importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ikkonsenjati mill-Malasja, kemm jekk iddiċċarati li joriġinaw fil-Malasja kif ukoll jekk le.

1.2. Talba

- (4) F'Novembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet talba taħt l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku biex tinvestiga l-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri antidumping imposti fuq ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw mir-RPĊ minn importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu b'modifika żgħira, b'97 % tal-piż jew aktar iżda inqas minn 99,95 % ta' molibdenu, li joriġinaw mir-RPĊ, u biex tagħmel importazzjonijiet bħal dawn soġġetti għar-regiżstrazzjoni.

(5) It-talba tressqet minn Plansee SE ("Plansee"), produttur fl-Unjoni ta' ċerti wajers tal-molibdenu li pparteċipa fl-investigazzjoni oriġinali.

- (6) It-talba kien fiha biżżejjed evidenza *prima facie* li l-miżuri antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw fir-RPĊ qegħdin jiġu evażi permezz ta' importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu b'modifika żgħira b'97 % tal-piż jew aktar iżda inqas minn 99,95 % ta' molibdenu, li joriġinaw mir-RPĊ.

1.3. Il-bidu

- (7) Wara li stabbilixxiet, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li hemm biżżejjed evidenza *prima facie* biex jingħata bidu għal investigazzjoni skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet

⁽⁴⁾ Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 14/2012 tad-9 ta' Jannar 2012 li jestendi dazju anti-dumping definitiv impost mir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 511/2010 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fili tal-molibdenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ċerti fili tal-molibdenu kkonsenjati mill-Malasja, sew jekk iddiċċarati li joriġinaw fil-Malasja u l-Isvizzera u sew jekk le u li jtemm l-investigazzjoni firrigward tal-importazzjonijiet kconsenjati mill-Isvizzera (ĠU L 8, 12.1.2012, p. 22).

investigazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1236/2012⁽¹⁾ ("ir-Regolament tat-tnedija") tal-evazzjoni possibbli ta' miżuri tal-antidumping imposti fuq importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw fir-RPĊ u tat ukoll istruzzjonijiet lill-awtoritajiet tad-dwana biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' wajer tal-molibdenu, b'97% tal-piż jew aktar iżda inqas minn 99,95% ta' molibdenu, b'dimensjoni trażversali massima li taqbeż 1,35 mm iżda ma taqbiżx 4,0 mm u li attwalment jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 8102 96 00 (kodiċi TARIC 8102 96 00 30), li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mill-21 ta' Diċembru 2012.

1.4. Il-prodott ikkonċernat u l-prodott investigat

(8) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess kif definit fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri wajer tal-molibdenu, b'millinqas 99,95% tal-piż tiegħu jikkonsisti f'molibdenu, b'dimensjoni trażversali massima li taqbeż 1,35 mm iżda ma taqbiżx 4,0 mm ("molibdenu pur"), li joriġina mir-RPĊ, li fil-preżent huwa kklassifikat bil-kodiċi NM ex 8102 96 00.

(9) Il-prodott investigat, jiġifieri l-prodott li allegatament qed jevadi, huwa l-istess bħal dak definit fil-premissa 7 b'97% mill-piż jew aktar iżda inqas minn 99,95% ta' molibdenu, b'dimensjoni trażversali massima li taqbeż 1,35 mm iżda ma taqbiżx 4,0 mm, li joriġina fir-RPĊ.

1.5. Investigazzjoni u partijiet ikkonċernati bl-investigazzjoni

(10) Il-Kummissjoni uffiċjalment avżat lill-awtoritajiet tar-RPĊ bil-bidu tal-investigazzjoni u bagħtet il-kwestjonarji lill-produtti esportaturi fir-RPĊ u l-importaturi fl-Unjoni magħrufa li huma kkonċernati. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitkolbu smiġi fiż-żmien stipulat fir-Regolament ta' tnedija. Il-partijiet kollha kienu infurmati li nuqqas ta' kooperazzjoni tista' twassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u għal konklużjoni li jkunu bbażatti fuq il-fatti disponibbli.

(11) Żewġ produtti esportaturi ppreżentaw tweġiba għall-kwestjonarju lill-Kummissjoni. Waħda minn dawn il-kumpaniji, li wkoll ikkooperat matul l-investigazzjoni oriġinali, hija produttur esportatur ġenwin tal-prodott investigat. Rigward it-tieni waħda, din il-kumpanija ma rrappurtat ebda bejgħ tal-prodott investigat. Għalhekk, il-preżentazzjoni tagħha ġiet injorata.

(12) Erba' produtti esportaturi ppreżentaw tweġiba għall-kwestjonarju lill-Kummissjoni. Wieħed minnhom ma

⁽¹⁾ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1236/2012 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jniedi investigazzjoni dwar iċ-ċirkomvenzjoni possibbli ta' miżuri anti-dumping imposti bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 511/2010 fuq importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina bl-importazzjonijiet ta' ċerti wajers tal-molibdenu kemxkejn modifikati, li fihom 97% tal-piż jew aktar iżda inqas minn 99,95% tal-molibdenu, li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li jagħmel dawn l-importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 350, 20.12.2012, p. 51).

rrapporta l-ebda importazzjonijiet tal-prodott investigat u nstab li aktar kien utent ta' wajer tal-molibdenu.

(13) Il-Kummissjoni wettqet stħarriġ fuq il-post fuq żewġ binjet tal-produtt esportatur Ċiniż, li kkoopera:

— Jinduicheng Molybdenum Co., Ltd., No88, Jinye 1st Road, Hi-Tech Industry Developing Zone, Xi'an, Shaanxi Province, P.R. Iċ-Ċina ("JDC");

— Jinduicheng Guangming Co., Ltd., No104 Mihe Road, Zhoucun District, Zibo City, P.R. Iċ-Ċina.

u fil-bini tal-importatur tal-Unjoni li ġej:

— Gtv verschleißschutz GmbH, vor der neuwiese 7, D-57629 luckenbach, il-Ġermanja ("GTV").

(14) It-tliet importaturi oħra ma saritilhomx żjara, iżda l-preżentazzjoni tiegħi tagħhom ġew mistarriga kif dovut matul l-investigazzjoni.

1.6. L-investigazzjoni u perjodi ta' rappurtar

(15) Il-perjodu tal-investigazzjoni kien stabbilit mill-1 ta' Jannar 2008 sat-30 ta' Settembru 2012 ("PI") sabiex jiġi investigat il-bidl allegat fid-drawwiet tal-kummerċ. Il-perjodu ta' rappurtar ("RP") kopra l-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Settembru 2012, biex tinvestiga jekk l-importazzjonijiet isirux bi prezzi jiet aktar baxxi mill-prezz mhux dannuż stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri eżistenti, u l-eżistenza ta' dumping.

2. RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI

2.1. Kunsiderazzjoni ġenerali

(16) Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-valutazzjoni tal-eżistenza tal-prattiki ta' evażjoni possibbli saret billi ġie analizzat b'suċċess:

(1) jekk kienx hemm tibdil fix-xejra tal-kummerċ bejn ir-RPĊ u l-Unjoni;

(2) jekk din il-bidla ġietx minn xi prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma kienx hemm raġuni jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċċenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju;

(3) jekk kienx hemm evidenza ta' ħsara jew jekk l-effetti rimedjali tad-dazju ġewx kompromessi f'termi tal-prezzijiet u/jew tal-kwantitatijiet tal-prodott investigat;

(4) jekk kienx hemm evidenza ta' dumping b'rabit mal-valuri normali stabbiliti preċedentement għall-prodott simili, jekk neċċessarju skont id-dispożizzjoni tiegħi tal-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku.

2.2. Modifika żgħira u karatteristiċi essenziali

- (17) L-investigazzjoni wriet li l-prodott investigat huwa wajer magħmula minn molibdenu (bejn 99,6 % u 99,7 %) u normalment lantanum ("la") (bejn 0,25 % u 0,35 %). Din il-liga fiha wkoll elementi kimiċi oħra u hija magħrufa bħala "molibdenu trattat" jew "Mola" jew "ML". Il-prodott ikkonċernat u l-prodott investigat it-tnejn li huma attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8102 96 00. Kif spiegat hawn taħt, l-investigazzjoni ma sabet l-ebda differenza fil-proċess ta' produzzjoni tal-prodott investigat u l-prodott ikkonċernat, minbarra ż-żieda ta' persentaġġ baxx ta' lantanum ma' molibdenu pur fl-istadiju ta' taħlit. Barra dan, il-produttur esportatur li kkoopera kkonferma li l-ispiża tal-produzzjoni tal-prodott investigat hija simili għall-ispiża tal-prodott ikkonċernat. Dan jimplika li m'hemm l-ebda beneficiċju ekonomiku għall-produttur esportatur biex jiproduċi l-prodott investigat għajnej l-evitar tal-miżuri fis-seħħ. Barra minn hekk, instab li l-utenti tal-prodott ikkonċernat qalbu għall-prodott investigat wara l-impożizzjoni tal-miżuri provvijorji, li jimplika li m'hemmx differenza bejn il-prodott ikkonċernat u l-prodott taħt konsiderazzjoni għall-utenti.
- (18) Kif imsemmi fil-premessa 15 tar-Regolament antidumping provvijorju, il-prodott ikkonċernat jintuża l-aktar bħala kisi fil-manifattura ta' partijiet tal-karrozzi (jigifseri gear boxes), partijiet ta' ajruplani jew bħala kuntati elettriċi. Id-dijametri li kienu l-aktar negozjati tal-prodott ikkonċernat huma 2,31 mm u 3,17 mm, użati għal sprejar bil-fjamma jew bl-ark.
- (19) Tliet partijiet argumentaw li l-prodott investigat u l-prodott ikkonċernat għandhom karatteristiċi essenziali differenti. Fuq talba ta' tnejn minnhom, sar smiġi ta' konfrontazzjoni mal-GTV, JDC u Plansee, ippresedut mill-Uffiċjal tas-Seduta, f'April 2013. Kif spiegat fid-dettall hawn taħt, matul is-seduta l-attenzjoni ewlenija kienet fuq l-allegati differenzi tekniċi bejn il-prodott ikkonċernat u l-prodott investigat, u ġustifikazzjoni ekonomika għall-importazzjoni ta' dan tal-aħħar fis-suq tal-Unjoni.
- (20) Il-kumpaniji GTV u JDC argumentaw matul is-seduta u bil-miktub li l-prodott investigat għandu karatteristiċi fizċi essenziali differenti li huma differenti sew mill-prodott ikkonċernat. B'mod aktar speċifiku, huma sostnew li d-duttabb iż-żgħix, jigifseri l-kapaċitā tal-materjal li għandu biex jiġi irtirat b'mod lonġitudinali għal taqsima mnaqqsa mingħajr ksur taħt l-azzjoni ta' forza tensili, it-titwil parametri u l-proprietajiet ta' kisi tal-prodott investigat jitjiebu b'mod partikolari meta mqabbla mal-prodott ikkonċernat.
- (21) B'appoġġ għal din it-talba, iż-żewġ partijiet ippreżentaw għadd ta' artikoli u studji bil-għan li juru li t-taħlit ta' molibdenu u lantanum jwassal għal prodott b'reżistenza aħjar għal falliment minħabba fraġilità u titwil aħjar mill-prodott ikkonċernat. Dawn il-partijiet sostnew ukoll li l-informazzjoni ppubblikata fuq il-websa tal-Plansee tipp-rovi xhieda li l-prodott investigat għandu l-proprietajiet imtejba meta mqabbel mal-prodott ikkonċernat.
- (22) Rigward il-karatteristiċi tal-prodott, sabiex jiġi evalwat jekk il-prodott investigat u l-prodott konċernat għand-dhomx il-karatteristiċi essenziali differenti, il-Plansee pproponiet li tagħti mandat lil istitut indipendenti biex jipparaguna l-prodott ikkonċernat u l-prodott investigat.
- (23) Wara s-seduta, it-talba ta' hawn fuq għiet ivvalutata abbażi tal-evidenza miġbura matul l-investigazzjoni, b'mod partikolari l-ordnijiet ta' xiri li jintbagħtu minn importanti lill-produttur esportatur, l-ispiegazzjonijiet ippordutti mill-produttur esportatur dwar il-proċess ta' produzzjoni tiegħi, il-kontenut ta' kimiki u karatteristiċi ta' titwil u tensilità msemmija fiċ-certiifikati ta' kwalitatjiet, il-fatturi kummerċjali maħruġa mill-produttur esportatur u n-nuqqas ta' kull informazzjoni kummerċjali relatata ma' karatteristika mtejba tal-prodott investigat meta mqabbel mal-prodott ikkonċernat li ġie mibgħut lil kwalunkwe konsumatur. L-informazzjoni kollha kkonfermat li propjetajiet aħjar ma kinux mitluba mill-konsumaturi u lanqas provvuta mill-produttur tal-prodott investigat. Għalhekk, ġie konklużi li l-opinjoni ta' espert mhixiex meħtieġa. B'konsegwenza, din it-talba għiet miċħuda.
- (24) F'dan ir-rigward, l-investigazzjoni kkonfermat li l-kwalitajiet imtejba imsemmija hawn fuq fil-premessa 20 jiddependu fuq il-kontenut ta' lantanu u fuq jekk il-proċess ta' produzzjoni ottimizzata qed jintuża. Madankollu, il-produttur esportatur li kkoopera ma wriex li introduċa proċessi ta' produzzjoni ottimizzata għall-prodott investigat esportat lejn l-Unjoni matul il-PI. It-talba kienet għalhekk irrifjutata minħabba li bla bażi.
- (25) Parti waħda sostnet li l-prodott investigat tejjeb il-proprietajiet ta' kisi. Madankollu, il-parti ma taxxu bizzarejjed evidenza biex issostni din id-dikjarazzjoni. It-talba kienet għalhekk irrifjutata minħabba li bla bażi.
- (26) Żewġ partijiet sostnew li l-reżistenza għall-qsim tħiebet għall-prodott investigat. Dan ifisser li l-wajer qatt ma jinqasam meta jinħall ġo magna tal-isprejar. Madankollu, dawn il-partijiet intalbu jipprobdu dokumentazzjoni ta' appoġġ iż-żda naqṣu milli jgħamlu dan. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza ta' sostenn, din it-talba għiet injorata.
- (27) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ġie konklużi li l-prodott investigat m'għandu ebda proprietajiet differenti meta mqabbel mal-prodott ikkonċernat.
- (28) Barra minn hekk, l-evidenza miġbura matul iż-żjarat ta' verifikasi turi li l-utenti/importaturi ma talbux speċifikament il-prodott b'karatteristiċi fizċi aħjar kif deskrift hawn fuq fil-premessa 20 meta għamlu l-ordnijiet tagħhom. L-ebda wieħed minnhom ma talab għal kontenut speċifiku ta' lantanum iż-żda talbu għal mill-anqas 99 % ta' molibdenu. Klijent wieħed biss talab għal karatteristiċi

fiżiċi speċifiċi għall-parametri ta' titwil u tensilità. F'dan il-każ, il-produttur esportatur ittestja dawn il-parametri u pprova lill-klijent b'ċertifikati ta' kwalità. Minħabba li dawn iċ-ċertifikati ingħataw ukoll għall-prodott ikkonċernat, kien possibbi li wieħed iqabbel iż-żewġ prodotti għal dawn il-parametri. Il-paragun wera li l-ħtiġijiet għal titwil u tensility kienu identiċi għaż-żewġ prodotti.

- (29) Barra minn hekk, l-investigazzjoni wrriet li l-produttur esportatur ma infurmax lis-suq jew lill-klijenti tiegħu dwar l-allegati vantaġġi tal-prodott investigat fuq il-prodott ikkonċernat u ma kkummerċjalizzax il-wajers tal-MoLa kemmxejn modifikati bħala prodott ġdid jew differenti.
- (30) Fuq il-bażi ta' privattiva rrēgistrata mill-kumpanija Plansee f'Jannar tal-1996, parti waħda stqarret li l-prodott ikkonċernat u l-prodott investigat huma prodotti differenti. L-analiżi ta' din id-dikjarazzjoni wrriet li l-privattiva ma tikkonċernax il-prodott investigat iż-żda l-użu ta' liga tal-molibdenu bħala kundturr li jwassal il-kurrent għal lampi, tubi u komponenti simili. Barra minn hekk, id-dijametri ta' dan it-tip ta' prodott huma inqas mid-dijametri definiti għall-prodott investigat. Barra minn hekk, kif imsemmi hawn fuq fil-premessa 24, l-allegata kwalitajiet imtejba tal-MoLa fuq il-prodott konċernat jiddependu mill-użu ta' proċess ta' produzzjoni ottimizzata. Il-pretensjoni hija għalhekk miċħuda.
- (31) Għalhekk, għandu jiġi konkluż li mill-perspettiva tal-konsumatur il-prodott ikkonċernat u l-prodott investigat huma simili ħafna.
- (32) Parti waħda sostniet li l-offerti kummerċjali ppubblikati fuq il-websajt tal-Plansee juru li huma offrew il-prodott investigat mhux biss fil-qasam tal-isprejjatura tas-sħana iż-żda wkoll fdiversi oqsma oħra (jiġifieri l-komponenti tal-fanali, industriji tal-qtugħ tal-wajers). Madankollu, il-kumpanija Plansee kkumentat li l-informazzjoni kummerċjali li tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku tagħha tindika d-dijametri li għalihom għandha provvista. Barra minn hekk, l-investigazzjoni wrriet li l-bejgħ ta' Plansee għal oqsma oħra huwa limitat ħafna (jiġifieri inqas minn 2 % fil-kwantità meta mqabbel mal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat) u li ntuża proċess ta' produzzjoni ottimizzata. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.
- (33) Parti waħda sostniet li l-Plansee kienet diġa' qed tipproduċi l-prodott investigat meta ressqt l-ilment li wassal għall-inizjazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali u billi l-Plansee tikkunsidra li l-prodott investigat u l-prodott ikkonċernat għandhom l-listess karakteristiċi essenzjali, dawn għandhom ikunu inklużi fl-ambitu tal-investigazzjoni oriġinali. Madankollu, kif spjegat hawn fuq fil-premessa 32, l-investigazzjoni kkonfermat li dan il-wajer tal-MoLa partikolari huwa differenti mill-prodott investigat. Id-dijametri tal-prodott huma ġeneralment inqas minn 1 mm u jintuża primarjament fl-industrija tad-dawl. Barra minn hekk, kif imsemmi hawn isfel fit-Tabella 1, l-importazzjonijiet tal-prodott investigat bdew

biss wara li ġew imposti l-miżuri provviżorji fuq il-prodott ikkonċernat. Għalhekk, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat matul il-PI tal-investigazzjoni oriġinali, ma kien hemm ebda raġuni biex tinkludi dan il-prodott fl-ambitu tal-prodott. Il-pretensjoni hija għalhekk miċħuda bħala infodata.

- (34) Parti waħda sostniet li t-tnaqqis fl-espansjoni tal-firxa minn 99,95 % għal 97 % sejkopri kull tip ta' liġi tal-molibdenu u b'konsegwenza, dawn il-prodotti ma jkunux disponibbli fuq is-suq tal-Unjoni (jiġifieri pereżempju għas-suq li qed jitfassal mill-ġdid). L-ewwel nett, din il-parti ma ppreżentat ebda evidenza li tappoġġa din l-istqarrirja. It-tieni, l-investigazzjoni wrriet li produttur esportatur wieħed biss kien qed jesporta l-MoLa fl-Unjoni matul il-PI u ebda liġi oħrajn li kienu jkunu koperti mid-definizzjoni tal-prodott investigat. It-tielet l-investigazzjoni wrriet li s-suq fl-Unjoni għat-taqbix mill-ġdid u l-bejgħ ta' liġi tal-molibdenu huwa limitat ħafna. Fl-aħħar nett, l-estensjoni tal-miżuri mhix ser tgħamilha impossibbli li ssir importazzjoni tal-prodott investigat. It-talba ġiet għalhekk irrifjutata.
- (35) Safejn huma kkonċernati d-domandi ta' jekk il-modifika msemmjia fi premessa 19 biddlitx jew le l-karakteristiċi essenzjali tal-prodott ikkonċernat, l-informazzjoni provvuta mill-partijiet li kkooperaw analizzata fi premessa 24 sa premessa 34, irrivelat li l-prodott investigat għandu l-istess karakteristiċi fiżiċi bażiċi u l-istess użu bħall-prodott ikkonċernat.
- (36) B'konsegwenza ta' dan, instab li ma hemm l-ebda differenzi rilevanti fil-karakteristiċi fiżiċi bejn il-prodott investigat u l-prodott ikkonċernat. Għalhekk, ġie konkluż li l-prodott investigat huwa meqjus bħala prodott simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiċu.
- (37) Għalhekk, għandu jiġi konkluż li l-prodott investigat għandu biss modifika żgħira meta mqabbel mal-prodott ikkonċernat, importat għall-ebda ġustifikazzjoni ekonomika oħra għajnej li jevadji d-dazji antidumping fis-seħħ.
- 2.3. Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ**
 - 2.3.1. L-importazzjonijiet ta' wajers tal-molibdenu lejn l-Unjoni**
 - (38) L-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet tal-Unjoni ma jistgħux ikunu direttament miksuba mid-dejta tal-Eurostat, billi l-kodiċi tan-NM li taħtu huwa ddikjarat il-prodott investigat jinkludi wkoll prodotti oħra minbarra l-prodott investigat. Għalhekk, fin-nuqqas ta' statistiċi speċifiċi ta' importazzjoni għall-prodott investigat, id-dejta tal-Eurostat ġiet aġġustata skont il-metodu ssuġġerit fit-talba. Għaldaqstant, il-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott

investigat lejn l-Unjoni ġie stabbilit fuq il-bażi ta' stima tal-konsum mill-Unjoni tal-wajers tal-molibdenu aġġustata bil-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat. Dan il-metodu nstab li kien kredibbli biex tinkiseb dejta dwar il-prodott investigat.

- (39) Kif imsemmi fil-premessa 11, produttur esportatur wieħed biss fl-RPĊ ma kkooperax fl-investigazzjoni. Madankollu, abbażi tat-tqabbil tat-tagħrif mogħi minn dan il-produttur esportatur bid-dejta aġġustata tal-Eurostat imsemmija fil-premessa preċedenti, ġie stabbilit

li din il-kumpanija tirrappreżenta l-parti l-kbira tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni tal-prodott investigat waqt il-PI u għalhekk ġiet meqjusa bħala r-rappreżentant tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni ta' ċerti wajers tal-molibdenu.

- (40) Kif jidher fit-tabella hawn taħt, l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott ikkonċernat waqfu għal kolloxa wara l-impożizzjoni tal-miżuri definitivi f'Għunju 2010 u kienu immedjatamente sostitwit permezz ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat.

Tabella 1

L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat u l-prodott investigat li jorġinaw mir-RPĊ

Importazzjonijiet lejn l-UE	2008	2009	1.1/2010 (*) - 16.6.2010	17.6.2010 (**) - 31.12.2010	2010	2011	RP (***)
Importazzjonijiet Totali – (Tunellati bl-indiċijiet) (¹)	100	31	10	17	27	128	99
Importazzjonijiet Totali (%)	100	100	100	100	100	100	100
Prodott Ikkonċernat (%)	100	100	20	0	7	0	0
Prodott Investigat (%)	0	0	80	100	93	100	100

(¹) Indiċjati fuq il-bażi ta' volum f'kg irrapportata mill-produttur esportatur li kkoopera (jiġifieri 2008 = 100). Irreferi għall-premessa 39. Importazzjonijiet = Prodott ikkonċernat + Prodott investigat

(*) il-perjodu korrispondenti għall-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji

(**) il-perjodu korrispondenti għall-impożizzjoni tal-miżuri definitivi

(***) RP = perjodu ta' rapprtart mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Settembru 2012

Sors: preżentazzjoni JDC

- (41) L-investigazzjoni kkonfermat li l-partijiet li xtraw il-prodott investigat wara l-impożizzjoni tad-dazju provviżorju kienu qed jixtru l-prodott ikkonċernat qabel l-impożizzjoni tal-miżuri. Dawn il-partijiet xtraw 99,8 % tal-kwantità totali tal-prodott investigat matul il-PR.

hekk, dan il-proġett ma rriżultax f'kull bejħi tal-prodott investigat lejn l-Unjoni qabel l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji fuq il-prodott ikkonċernat, jiġifieri f'Ottubru 2010. Madankollu, il-fatt li proġett allegatament kien mibdi fl-2007 ma biddilx il-konklużjoni li l-prodott ikkonċernat u l-prodott investigat huma simili. Il-konklużjoni li ntlaħqet fl-investigazzjoni li ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni ekonomika għall-esportazzjoni tal-prodott investigat mill-impożizzjoni tal-miżuri fuq il-prodott ikkonċernat tibqa' valida wkoll.

- (42) Żewġ partijiet interessati sostnew li sa mis-sena 2007, bdew proġett biex jiġi żviluppat il-prodott investigat fir-RPĊ u għalhekk l-esportazzjonijiet tal-prodotti taħt l-investigazzjoni ma kienx marbut mal-impożizzjoni tal-miżuri fuq il-prodott ikkonċernat. Madankollu, l-investigazzjoni ma kkonfermatx il-materjalitā ta' tali proġett. B'kollob, e-Mail waħda, il-minuti ta' konferenza telefonika waħda u l-esportazzjoni ta' kampjun tal-prodott investigat għal analiżi ulterjuri ġew ipprovduti. Barra minn

- (43) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-ebda bejħi tal-prodott investigat ma sar lejn pajjiżi oħra minbarra l-Unjoni u li kwantitatiet limitati biss inbiegħu fis-suq Ċiniż matul l-PI kif jidher fit-tabella 2 hawn taħt.

Tabella 2

Is-suq tal-prodott investigat

	2008	2009	1.1.2010 -16.6.2010	17.6.2010 -31.12.2010	2010	2011	1.10.2011- 30.9.2012
Bejħi Totali (indiċjat) (¹)	100	96	863	1 529	2 392	11 168	8 123
Bejħi Totali (%)	100	100	100	100	100	100	100
Bejħi domestiku (RPĊ) (%)	100	100	5	4	4,2	0,4	2

	2008	2009	1.1.2010 -16.6.2010	17.6.2010 -31.12.2010	2010	2011	1.10.2011- 30.9.2012
Bejgħ fl-UE (%)	0	0	95	96	95,8	99,6	98
Bejgħ f-pajjiżi oħra (%)	0	0	0	0	0	0	0

(¹) Il-metodoloġija hekk kif deskritta għal Tabella 1.

Sors: preżentazzjoni JDC

- (44) Fuq din il-bażi, l-allegazzjoni kienet miċħuda.

2.3.2. Konklużjoni dwar il-bidla fix-xejra tal-kummerċ

- (45) Iż-żieda totali tal-esportazzjonijiet tal-prodott investigat lejn l-Unjoni mir-RPĊ wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji u definitivi u t-tnaqqis b'mod parallel tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ikkostitwixxew bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn ir-RPĊ u l-Unjoni.

2.4. In-natura tal-prattika ta' evażjoni u l-insuffiċjenja ta' raġuni dovuta jew ġustifikazzjoni ekonomika

- (46) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jitlob li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ tinbet minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr għall-impożizzjoni tad-dazju.

- (47) Kif issemma fil-premessa 45, ġie konkluż li hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ.

- (48) Kif issemma fil-premessa 28 u 29, ġie konkluż li la l-produttur esportatur u lanqas l-importatur ma infurmaw lis-suq jew lill-kljienti tagħhom dwar l-allegati vantaġġi tal-prodott investigat fuq il-prodott ikkonċernat, u ma poġġewx il-prodott investigat fis-suq bħala prodott għid jew differenti.

- (49) Barra minn hekk, kemm il-prodott konċernat u l-prodott investigat jintużaw principally bħala sprej wajers fl-industrija tal-karozzi u l-utenti tal-aħħar taż-żerw prodotti huma l-istess.

- (50) Parti waħda sostniet li l-prodott investigat jipprovd titjib simifikanti meta jintuża bħala sprej wajer. Dan it-titjib għandu impatt fuq il-produttivitā ta' komponenti tat-tagħmir ta' kisi, billi tiġi mminimizzata l-interruzzjoni tal-produzzjoni minħabba falliment ta' wajers fraġli. Madankollu, l-investigazzjoni kkonfermat li din il-parti ma poġġietx il-prodott investigat fuq is-suq u lanqas infurmaw lill-kljienti tagħha dwar l-allegati karatteristiċi tekniċi differenti jew dwar t-titjib miġjub mill-prodott investigat. Barra minn hekk, il-kljienti ma talbux b'mod spċċifikament għal titjib. It-talba kienet għalhekk irrifjuta minħabba li bla bażi.

- (51) Parti waħda sostniet li utent wieħed bidel il-prodott investigat minħabba nuqqasijiet tekniċi tal-prodott ikkonċernat. Madankollu, din il-parti intalbet tipprovd dokumenti

mentazzjoni ta' appoġġ iżda naqset milli tagħmel dan. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza ta' sostenn, din it-talba għiet injorata.

- (52) Il-kumpanija GTV sostniet li l-MoLa użata għal kisi bl-isprej tipprovd riżultati aħjar meta titqies il-micro hardness tal-kisi. Dan jippermetti li jiġi evitat it-tkagħbir permezz ta' trasferiment ta' materjal mill-wiċċa ta' komponenti li jħakkek fuq kontroparti. Din il-parti ppreżentat ir-riżultati tat-test minn laboratorju indipendenti li juri li l-micro hardness tista' titjeb b'użu tal-MoLa. Madankollu, il-metodoloġija użata minn laboratorju indipendenti ma għgarantiet l-eżiżu minħabba li t-test kien realizzat fuq lott wieħed biss ta' wajer filwaqt li din il-parti sostniet li test ieħor l-analiżi għandu jkopri għadd kbir ta' lottijiet. Barra minn hekk, il-kompożizzjoni kimika ta' kampjun ittestjat ma għiet analizzata li jfisser li m'hemm l-ebda garanzija li l-lott analizzat kien attwalment il-prodott investigat. It-talba kienet għalhekk irrifjuta minħabba li bla bażi.

- (53) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda kawża adegwata jew ġustifikazzjoni ekonomika oħra għall-importazzjonijiet tal-prodott investigat minħabba l-evitar tal-ħlas tad-dazju fis-seħħ.

- (54) Huwa għalhekk konkluż li, fin-nuqqas ta' kwalunkwe kawża jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti fi ħdan it-tifsira tat-tieni sentenza tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn ir-RPĊ u l-Unjoni kienet minħabba l-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ.

2.5. L-imminar tal-effetti rimedjali tad-dazju f-terminali ta' prezzi jiet u/jew il-kwalitajiet tal-prodott simili

- (55) Biex tivalutu jekk l-importazzjonijiet tal-prodott investigat, f-terminali ta' kwantitatjiet u prezzi jiet, xekklux l-effetti rimedjali tal-miżuri fis-seħħ, id-dejta pprovdu minn produttur esportatur li kkoopera, kif deskritt fil-premessa 39 intużawwx.

- (56) Iż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott investigat mir-RPĊ sa mill-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji kienet sinisifikattiva f-terminali ta' kwantitatjiet. Il-livell tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mir-RPĊ fil-PR jikkorrispondi mal-livell tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li jorigiaw mir-RPĊ lejn l-Unjoni fl-2008, qabel l-impożizzjoni tal-miżuri.

(57) Il-paragun tal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu kif stabbilit fir-Regolament oriġinali u l-medja differenzjata tal-prezz tal-esportazzjoni wera bejgħ bi prezz imraħħas sinifikanti. Għaldaqstant ġie konkluż li l-effetti rimedjali tal-miżuri fis-seħħ qed jiddgħajfu kemm f'termi ta' kwantità kif ukoll ta' prezz.

2.6. L-evidenza ta' dumping fir-rigward tal-valur normali li kien stabbilit précédentement għall-prodott simili

(58) Il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-prodott investigat ġew stabbilit fuq il-bażi tal-informazzjoni vverifikata mogħtija mill-produttur esportatur li kkoopera.

(59) Dawn il-prezzijiet ta' esportazzjoni nstabu li huma kemxjen anqas meta mqabbla mal-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat stabbilit qabel fl-investigazzjoni oriġinali. Żewġ partijiet interessati kkonfermaw li hemm kważi l-ebda differenza fil-prezz bejn il-prodott konċernat u l-prodott investigat.

(60) Għalhekk, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, ġie kkunsidrat xieraq li jitqabbel il-valur normali stabbilit qabel fl-investigazzjoni oriġinali mal-prezz tal-esportazzjoni tal-prodott investigat.

(61) Kif imsemmi fil-premessa 24 u 25 tar-Regolament anti-dumping provvijorju, l-Istati Uniti tal-Amerika tqiesu li huma paxjiż xieraq b'ekonomija tas-suq analoga. Billi l-produttur tal-paxjiż analogu għamel biss bejgħ marġinali fis-suq domestiku tal-Istati Uniti, instab li ma jkunx raġjonevoli li tintuża d-dejta tal-bejgħ domestiku tal-Istati Uniti għall-finijiet tad-determinazzjoni jew il-konstruzzjoni ta' valur normali. Għaldaqstant, il-valur normali għar-RPĊ kien stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Istati Uniti lejn paxjiżi terzi oħra, inkluża l-Unjoni.

(62) Parti waħda sostniet li l-valur normali li kien stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali għandu jiġi aġġustat minħabba li l-prezz tal-ossidu tal-molibdenu, li huwa fattur deċiżiż ġħall-iffissar tal-prezzijiet tal-prodott konċernat kif ukoll tal-prodott investigat, naqas drastikament fil-perjodu ta' rappurtar ta' din l-investigazzjoni. Kif imsemmi hawn fuq fil-premessa 61, il-valur normali waqt l-investigazzjoni oriġinali ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet għall-esportazzjoni minn produttur li jinsab fl-Istati Uniti tal-Amerika u mhux fuq il-bażi tal-ispejjeż tagħha. Għalhekk, kwalunkwe aġġustament ibbażat fuq l-ispejjeż ma jidħir li huwa xieraq f'dan il-każ. Minħabba li l-prezz tal-materja prima ewlenija naqas b'mod sinifikanti jidher anki b'mod aktar ċar li l-elementi tal-prezzijiet għandhom jintużaw biex jistabbilixxu valur normali rilevanti f'dan il-każ.

(63) L-aġġustament tal-valur normali ġie għalhekk stabbilit fuq il-bażi tal-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat. Billi l-produttur tal-Istati Uniti waqqaf l-attività tiegħu u l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli mill-paxjiż analogu, l-aġġustament ġie kkalkulat fuq il-

bażi tal-prezzijiet irrapportati minn Plansee fl-investigazzjoni oriġinali u matul il-PR. Dan wassal biex ikun hemm aġġustament 'l isfel ta' madwar 20 % mal-valur normali stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali.

(64) Skont l-Artikoli 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, id-dumping ġie kkalkol permezz ta' tqabbil bejn il-valur normali tal-medja differenzjata kif stabbilit fir-Regolament oriġinali u l-prezzijiet medji differenzjati tal-prodott investigat stabbiliti matul il-PR ta' din l-investigazzjoni espress bħala perċentwali tal-prezz nett liberu fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju doganali.

(65) It-tqabbil tal-valur normali medju peżat aġġustat u l-prezzijiet medji peżati ta' esportazzjoni wera l-eżistenza ta' dumping.

3. TALBIET GĦALL-EŻENZJONI

(66) Produttur esportatur wieħed fir-RPĊ talab eżenzjoni mill-miżuri estiżi possibbli skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku ppreżenta tweġiba għall-kwestjonarju.

(67) L-investigazzjoni madankollu kkonfermat li dan il-produttur evada il-miżuri fis-seħħ. Għalhekk ġie konkluż li t-talba tiġi miċħuda.

4. MIŻURI

(68) Fid-dawl tal-konkużjonijiet ta' hawn fuq, ġie konkluż li d-dazju antidumping definitiv impost fuq importazzjoni-jiet ta' wajers tal-molibdenu li joriġinaw mir-RPĊ ġie evaż permezz ta' importazzjoni-jiet ta' ċertu wajers tal-molibdenu b'modifika żgħira li joriġinaw mir-RPĊ.

(69) Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri antidumping eżistenti fuq importazzjoni-jiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jiġi estiżi għal importazzjoni-jiet tal-prodott investigat.

(70) Skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, li jipprevedu li kull miżura estiżha għandha tkun applikata kontra l-importazzjoni rreġistrata mid-data tar-reġistrazzjoni, id-dazju antidumping għandu jinġabar fuq l-importazzjoni-jiet kollha fl-Unjoni ta' wajer tal-molibdenu, b'97 % tal-piż jew aktar iżda inqas minn 99,95 % ta' molibdenu, b'dimensjoni trażversali massima li taqbeż 1,35 mm iżda ma taqbiż 4,0 mm u li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8102 96 00 (kodiċi TARIC 8102 96 00 30) li daħlu fl-Unjoni skont ir-reġistrazzjoni imposta mir-Regolament tal-bidu.

5. TAGħrif

(71) Il-partijiet interessati kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjoni-jiet essenziali li wasslu għall-konkużjoni-jiet imsemmja u ġew mistiedna biex jikkumentaw. Kienu kkunsidrati l-kummenti orali u miktuha li tressqu mill-partijiet. L-ebda wieħed mill-argumenti ppreżentati ma ta lok modifika tal-konkużjoni-jiet definitivi,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-dazju antidumping definitiv impost mir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 511/2010 fuq importazzjonijiet ta' wajer tal-molibdenu, b'mill-inqas 99,95 % tal-piż tiegħu jikkonsisti f'molibdenu, b'dimensjoni trażversali massima li taqbeż 1,35 mm iżda ma taqbiżx 4,0 mm, li jorġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, huwa b'dan estiż għal importazzjonijiet fl-Unjoni ta' wajer tal-molibdenu, b'mill-inqas 97 % tal-piż tiegħu jikkonsisti f'molibdenu, b'dimensjoni trażversali massima taqbeż 1,35 mm iżda ma taqbiżx 4,0 mm, li jorġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li attwalment jaqaw taħt il-kodiċi CN ex 8102 96 00 (kodiċi TARIC 8102 96 00 30).

Artikolu 2

Id-dazju għandu jinġabar fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' wajer tal-molibdenu, reġistrati skont l-Artikolu 2 tar-Regola-

ment ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1236/2012 u l-Artikoli 13 (3) u 14 (5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, b' 97 % mill-piż jew aktar, iżda inqas minn 99,95 %, ta' molibdenu, b'dimensjoni trasversali massima li taqbeż 1,35 mm iżda ma taqbiżx 4,0 mm u li attwalment jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 8102 96 00 (kodiċi TARIC 8102 96 00 30), li jorġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

Artikolu 3

L-awtoritajiet tad-dwana huma b'dan ordnati li jtemmu r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita taħt l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1236/2012.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

L. LINKEVIČIUS